# Qorti tal-Magistrati (Malta)

# Bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali

## Magistrat Dr Claire L. Stafrace Zammit B.A. LL.D.

Il-Pulizija
[Spettur Matthew Spagnol]

vs

-Omissis-
Ibrahim Ben Jeddi

**Kumpilazzjoni Numru: 278/16**

**Illum, 14 ta' Novembru, 2022**

**Il-Qorti;**

Rat l-akkuzi migjuba kontra -Omissis- u Ibrahim Ben Jeddi detentur tal-karta tal-identita` numru 128526(A) akkuzati talli flimkien ma' persuni ohra, f'dawn il-Gzejjer, b'diversi atti

maghmulin, ukoll jekk fi zminijiet differenti, u li jiksru l-istess dispozizzjonijiet tal-ligi u gew maghmula b'rizoluzzjoni wahda: (Art 18 Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta) fil-21 ta' Mejju 2016 bejn is-sebgha ta' filghodu u it-tmienja ta' filghodu (07:00a.m.-08:00a.m.) fi Triq San Gorg, San Giljan u/jew fil-vicinanzi:-

1. Bil-hsieb li jaghmel delitt cioe' talli dolozament, bil-hsieb li joqtol lil William Briguglio, Simon Cassar u Carmelo Zammit jew li jqieghed il-hajja taghhom f'periklu car u wera dan il-hsieb b'atti esterni u ta' bidu ghall-esekuzzjoni tad-delitt liema delitt ma giex esegwit minhabba xi haga accidentali u indipendenti mil-volonta' tieghu (Art. 41(1)(a), 211(1)(2) Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta).

2. Akkuzati aktar talli fl-istess data, lok, hinijiet u cirkostanzi talli bil-hsieb li jaghmlu delitt cioe' minghajr hsieb li joqtlu jew li jqieghdu il-hajja fil-periklu car, ittantaw li jikkommettu ferita ta' natura gravi fuq il-persuni ta' William Briguglio, Simon Cassar u Carmelo Zammit u wrew dan il-hsieb b'atti esterni u taw bidu ghall-esekuzzjoni tad-delitt liema delitt ma giex esegwit minhabba xi haga accidentali

u indipendenti mil-volonta taghhom. (Art. 41 (1)(a) 216, 217, 218 Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta)

3. Akkuzati aktar talli fl-istess data, lok, hinijiet u cirkostanzi minghajr il-hsieb li joqtol jew li jqieghed il-hajja fil-periklu car, ikkaguna ferita ta' natura hafifa fil-gisem ta' William Briguglio u Carmelo Zammit (Art. 221 Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta)

4. Akkuzati aktar talli fl-istess data, lok, hinijiet u cirkostanzi garrew il-barra minn xi fond jew id-dintorni tieghu xi sikkina jew strument li jaqta' jew bil-ponta, ta' liema xorta jkun, minghajr ma kellhom licenza jew permess minghand il-Kummissarju tal-Pulizija (Art 6 Kap 480 tal-Att Dwar l-Armi.)

5. Akkuzati aktar talli fl-istess data, lok, hin u cirkostanzi qajjmu rewwixta jew glieda bil-hsieb li jaghmlu omicidju jew offiza fuq il-persuni ta' William Briguglio, Simon Cassar u Carmelo Zammit (Art 238(b) Kap 9 Ligijiet ta' Malta).

6. Akkuzati aktar talli ikkagunaw biza' lil William Briguglio, Simon Cassar u Carmelo Zammit li ser tintuza vjolenza kontrihom jew kontra l-propjeta' taghhom (Art 251B, Kap 9)

7. Akkuzati aktar talli fl-istess data, lok, hinijiet u cirkostanzi heddu bil-gebel jew bi hwejjeg ohra iebsin, jew waddbuhom jew qabdu armi ohra kontra William Briguglio, Simon Cassar u Carmelo Zammit (Art 339(1)(a) Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta).

8. Akkuzati aktar talli fl-istess data, lok, hin u cirkostanzi waddbu gebel jew hwejjeg ohra iebsin ghall-istha, bjut, twieqi, bibien, btiehi, fanali, hitan tad-djar ta' haddiehor, jew ta' bini iehor; jew habtu bibien, jew cemplu qniepen tad-djar jew ta' bini iehor ta' haddiehor (Art. 339(1)(c) Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta)

9. Akkuzati aktar talli fl-istess data, lok, hin u cirkostanzi hebbew kontra l-persuni ta' William Briguglio, Simon Cassar u Carmelo Zammit sabiex jingurjawhom, idejquhom

jew jaghmlulhom hsara (Art. 339(1)(d) Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta).

10 Akkuzati aktar talli ingurjaw jew heddew lil William Briguglio, Simon Cassar u Carmelo Zammit (Art. 339(1)(e) Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta).

11. Akkuzati aktar talli volontarjament kisru il-bon-ordni jew il-kwiet tal-pubbliku b'ghajjat u glied (Art 338(dd) Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta).

Il-Qorti giet mitluba illi f'kaz ta' htija tiprovdi ghal garanzija ta' William Briguglio, Simon Cassar u Carmelo Zammit skond artikolu 383 tal-Kap 9 tal-Kodici Kriminali.

Rat l-atti u d-dokumenti.

Rat l-ezami tal-imputat li wiegeb mhux hati tal-akkuzi kif dedotti kontrih.

Rat in-nota tal-Avukat Generali datata tnax (12) ta' Lulju tas-sena elfejn u sbatax (2017) fejn elenka l-Artikoli tal-Ligi li bihom jahseb li ghandha tinstab htija kontra l-imputat u cioe`:

a. Fl-artikoli 41(1)(a); 214; 215 u 218 tal-Kodici Kriminali, Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;
b. Fl-artikoli 214, 215 u 221 tal-Kodici Kriminali, Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta;
c. Fl-artikoli 6 u 51 tal-Kodici Kriminali, Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta;
d. Fl-artikolu 238(b) tal-Kodici Kriminali, Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta;
e. Fl-artikolu 251B tal-Kodici Kriminali, Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta
f. Fl-artikoli 339(1)(a)(b)(c)(d) u (e) tal-Kodici Kriminali, Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta;
g. Fl-artikolu 338(dd) tal-Kodici Kriminali, Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta;
h. Fl-artikoli 17, 31, 383, 384; 385; 386 u 533 tal-Kodici Kriminali, Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta.

Wara li nqraw l-Artikoli tal-Avukat Generali l-imputat Ibrahim Ben Jeddi ma kellux oggezzjoni li din il-kawza tigi trattata u deciza minn din il-Qorti bil-procedura sommarja;

Semghet ix-xhieda kollha u t-trattazzjoni tal-partijiet.

**Ikkunsidrat**

Illi din il-kawza, hekk kif xehed ix-xhud **William Briguglio** li kien jahdem fil-klabb *Dejavu* f'San Giljan li kien inqala' argument f'dan l-istabbiliment isfel fejn inkisret mejda u nizlu s-securities sabiex ikellmu lin-nies fejn dawn harguhom 'il barra. Jghid illi s-securities kienu Karmenu u Simon. Jghid illi dawn in-nies regghu gew sabiex jerghu jidhlu fil-klabb u Simon ma hallihomx jidhlu. Imbaghad bdew ikissru l-fliexken. Huwa jirreferi ghall-imputat minnhom li jahseb li kien jismu Ibrahim u cioe' dak li ried jidhol. Jghid illi din il-gemgha nies bdiet tigri u s-securities warajhom u f'hin minnhom dawn il-gemgha nies hargu xi armi fosthom xwabel li wiehed minnhom xejjirha u laqat lil Karmenu f'saqajh. Jghid ukoll illi sakemm dahlu fil-karrozza bdew igaraw il-gebel fosthom anke l-imputat odjern. Jghid illi l-persuna li xejjer ix-xabla mhux l-

imputati odjerni. L-imputat -Omissis- jghid li kellu xi haga f'idejh f'forma ta' seratizz. F'hin minnhom ix-xhud jirreferi ghal Ibrahim bhala dak tat-toppu u cioe' l-imputat -Omissis- li ma jismux Ibrahim.

Xehed is-security **Simon Cassar** li qal illi dak iz-zmien kien jahdem fil-klabbs *Clique* u *Footloose* u qal ukoll illi fil-21 ta' Mejju tas-sena 2016 inqala' argument fil-klabb *Dejavu* bejn grupp ta' Gharab li mbaghad hargu barra. Qal illi kmieni filghodu meta huma kienu kwazi ser jaghlqu, regghu gew xi tliet persuni minn dan il-grupp biex jergghu jidhlu gewwa u dawn ma hallewhomx jidhlu u bdew ikissru l-fliexken li kien hemm barra. Qal illi wara l-kommossjoni ra ragel Gharbi ta' statura kbira gej b'xabla li mhux wiehed mill-imputati. Jghid illi Ibrahim kien hemmhekk ukoll fit-tgegwigija ta' nies imma ma setax jiddentifika ezatt x'ghamel. Qal li xi hadd iehor kellu seratizz f'idejh.

**Carmelo Zammit** li huwa security iehor xehed illi dakinhar tal-incident u wara l-argument li nqala' fil-klabb *Dejavu* bejn l-imputat -Omissis- u persuna ohra, gie l-imputat Ibrahim u ried jidhol gol-klabb u ma halliehx ghax qallu li l-klabb kien maghluq.

Qal illi ftit wara rega' gie Ibrahim flimkien mal-imputat -Omissis- u xi hadd iehor u bdew ikissru l-fliexken u jghidulhom biex johorgu izda jghid illi hu u shabu gerrxuhom 'l hemm. Qal ukoll illi wara xi ghoxrin minuta regghu gew billi wiehed minnhom kellu xabla f'idejh li dan laqtu f'koxxtu (vide ritratt CZ1). Qal illi wara telqu jigru u sakemm dahlu f'karozza bdew iwaddbu gebel u anke xi stereo. Qal illi l-involviment ta' Ibrahim kien zgur li waddab il-gebel.

Xehdu numru ta' ufficjali tal-pulizija li kienu involuti fil-kaz fejn l-unika persuna li gie identifikat u msemmi fit-testimonjanza taghhom kien l-imputat -Omissis-.

Xehed it-tabib li invista lil Carmelo Zammit u cioe' <u>**Dr. Marcel Schembri**</u> li halef ic-certifikat mahrug minnu a fol 35 tal-process fejn allegatament dan gie ferut permezz ta' xabla.

<u>**L-Ispettur Matthew Spagnol**</u> inkontroezami xehed illi bhala fatt il-persuna li kellha x-xabla f'idejha kienet effettivament Mohamed El Musrati li ttiehdu proceduri kontrih ghal dan l-incident u fil-fatt kien ammetta u nghata sentenza fid-disgha (9) ta' April tal-elfejn

u tmintax (2018) ta' sitt (6) xhur prigunerija u multa (Dok KG1) liema sentenza ma gietx appellata.

**Ikkunsidrat**

Illi dawn il-proceduri jirrigwardaw kaz li sehh nhar il-21 ta' Mejju 2016 meta l-imputat Ibrahim Ben Jeddi, flimkien ma' persuni ohra, aggredixxa lil William Briguglio, Simon Cassar u Carmel Zammit; f'dan l-incident Carmel Zammit sofra griehi ta' natura hafifa.

Illi din il-Qorti tinnota illi l-imputat odjern kien gie addebitat bir-reat ta' tentattiv ta' omicidju permezz tal-ewwel imputazzjoni izda mbaghad l-Avukat Generali fin-nota ta' rinviju tieghu, hass illi ma jikkwotax dan l-Artikolu u ghalhekk din il-Qorti ma tistax issib htija ta' din l-akkuza.

Illi tul dawn il-proceduri rrizulta wkoll illi persuna ohra giet misjuba hatja ghal dan l-incident fejn gie addebitat ukoll (li ammetta) ir-reat ta' komplicita' li jfisser illi huwa ammetta li kien komplici flimkien ma' persuni ohra, li jikkommetti delitt. Dan il-persuna kienet Mohamed Ali Ahmed Elmusraty li gie kkundannat sitt (6)

xhur prigunerija mill-Magistrat Doreen Clarke fuq ammissjoni fid-9 ta' April 2018 (fol 245).

Illi l-akkuzi tal-imputat odjern huma identici ghal dawn ta' Elmusraty. Illi pero' hareg car illi l-persuna li kkawzat il-ferita ta' Carmelo Zammit kien fil-fatt Elmusraty li anke f'dawn l-atti hareg ampjament car dan il-fatt.

Illi hareg ampjament car ukoll illi kien hemm glieda, li forsi primarjament inholqot bejn persuni li kienu fil-klabb *Dejavu* bejniethom, li mbaghad wara eskalat barra mas-securities wara li dawn ma regghux hallewhom jidhlu fil-post.

Illi hareg car ukoll illi f'din il-glieda li saret barra, kien hemm prezenti din il-persuna Elmusraty li kellu x-xabla u li wegga' lil Zammit, l-imputat -Omissis- kif ukoll l-imputat Ibrahim Ben Jeddi. Illi dak li mhux car pero' hu jekk l-irwol ta' Ben Jeddi kienx fl-ewwel glieda jew jekk hu inqabadx ma' persuni tal-istess nazzjonalita' u li kien jaf barra.

Illi dak li hu cert u li hareg mill-provi hu li Ben Jeddi kien jaf almenu lill-imputat -Omissis- ghax kienu ghal xi zmien joqghodu fl-istess appartament, u anke lil Elmusraty.

Illi pero' li kien hemm hsieb mill-imputat li jikkommetti d-delitti addebitati lilu flimkien ma' persuni ohra hija affermazzjoni daqsxejn azzardata u l-Qorti ma tahsibx li din giet ippruvata oltre' d-dubju dettat mil-ligi ghaliex ma giex ippruvat *a common design* necessarju ghar-reat ta' rewwixta.

Illi l-anqas ma giet ippruvata l-akkuza li kkreja xi biza' lill-persuni msemmija u dan ghaliex huma xehdu li dawn it-tip ta' incidenti jigru ta' spiss f'Paceville u ghalhekk huma mdorrijin bihom u fl-ebda hin fit-testimonjanza taghhom ma xehdu li huma bezghu.

L-anqas ma gie ppruvat illi l-imputat odjern hedded jew ingurja lill-istess persuni jew li kiser il-bon ordni pubbliku ghaliex anke jekk verament tqajjmet glieda, pero' dan sar f'post b'hafna nies u kaotiku u li jara hafna minn dawn il-glied u l-ebda xhud ma ttella' sabiex jixhed illi nkiser il-bon ordni.

Illi pero' dak li gie ppruvat minghajr ombra ta' dubju hu li s-securities raw lil Ben Jeddi jwaddab il-gebel u xi radju sabiex ikunu jistghu jidhlu fil-karrozza. Illi l-Qorti rat l-istqarrija tal-imputat li nghatat ezatt wara l-incident u li fiha dan jghid illi dan kien x'imkien iehor meta ddecieda li jmur fil-klabb *Dejavu* sabiex imur hdejn it-tfajla tieghu li kienet tahdem hemmhekk bil-konsegwenza li nqabad mal-grupp ta' nies li kien jafhom u li ma kinux qeghdin jithallew jidhlu, inkluz hu stess. Illi bl-ebda mod ma gie ppruvat illi l-imputat wegga' lil xi persuna minhabba l-agir tieghu.

Ghal dawn il-motivi u wara li rat l-Artikoli 339(1)(a), 339(1)(c) u 339(1)(d) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta ssib lill-imputat **Ibrahim Ben Jeddi** hati tas-sebgha (7), it-tmienja (8) u d-disgha (9) akkuzi u tikkundannah ghal ammenda ta' mitt ewro (€100) filwaqt li tilliberah mill-akkuzi l-ohra kollha fuq nuqqas ta' provi.

Il-Qorti qed tordna wkoll il-hrug ta' Ordni taht l-Artikolu 383 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta ghal zmien sena (1) u liema ordni ghandha tifforma parti minn din is-sentenza.

Finalment, spjegat fi kliem semplici lill-imputat ir-riperkussjonijiet jekk din l-ordni ma tigix obduta.

---------------------------------------------

**Ft./Dr Claire L. Stafrace Zammit B.A. LL.D.**

**Magistrat**

**Benjamina Mifsud**

**Deputat Registratu**